# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 1**

**Avviz numru 391/02/SM**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Maria Gauci**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbghat elef, disgha mija u sebgha u disghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu, (LM4,997.27,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minnha lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn Gunju u Mejju 2001; u dana in segwitu ta' u skond Client Contract Number 18950 in relazzjoni tan-numru telefoniku cellulari 79003742 tal-istess socjeta' liema kuntratt huwa ffirmat minnha stess;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Frar 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid it-tnejn pprezentati kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 9 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz taghha l-istess socjeta' informat lill-Qorti li kienet qed tirriduci s-somma minnha mitluba ghall-tlett elef u disa' mija u seba' u disghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu, (LM3,997.27,0), stante pagament fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fid-9 ta' Luju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**